BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 01/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 12/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Borg ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/01 -* Tressqet talba mill-Perit A.C.Bezzina għan-nom tas-Sur Philip Azzopardi, sabiex għal perijodu ta' bejn il-15 ta' Ġunju 2010 u l-15 ta' Settembru 2010 jintrama *trampoline* fil-Bajja s-Sabiħa. Wara li l-Kamra rat il-pjanti fejn dan ser jintrama, laqgħet din it-talba.

*02/01 -* Wara d-deċiżjoni li l-Kamra ħadet f'Seduta Nru. 09/08 li s-Sala tal-Kunsill tinkera mingħajr siġġijiet, tressqet talba mingħand il-Blue Sea Sport Angling Club sabiex il-Kunsill jerġa' jikkonsidra li s-sala jkollha s-siġġijiet għall-għaqdiet lokali. Il-Kamra qablet li meta s-sala tintuża mill-għaqdiet lokali dawn jingħataw għaxar siġġijiet li huma jkunu responsabbli għalihom.

*03/01 -* L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qiegħda tistieden lis-Sindki sabiex jieħdu sehem fi programm fuq l-istazzjon nazzjonali għal prezz ta' €200. Il-Kamra ma qablitx li l-Kunsill għandu jieħu sehem f'dawn il-programmi.

*04/01* - Resident minn Triq Salvatore Cachia Zammit ressaq pjanti quddiem il-Kamra sabiex jagħmel hu bankina fl-imsemmija triq. Il-Kunsill apprezza l-interess ta' dan ir-resident però l-pjanti sottomessi ma ġewx approvati u ġie maqbul li sabiex il-Kamra taċċetta għandhom jiġu amendati l-pjanti sabiex il-bankina, fejn tippermetti, ssir tul it-triq kollha b'wisa' uniformi ta' 1.5mtrs.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-offerti pubbliċi :

**a) Ġbir ta' Skart Imħallat - Avviż Nru. 05/09**

| | Item 1.1 | Item 1.2 |
|---|---|---|
| Offerta 1 - RVS Ltd. | €308.00 | €290.00 |
| Offerta 2 - Borg Skip Hire | €350.00 | €340.00 |
| Offerta 3 - Joseph Mary Zammit | €314.96 | €264.35 |

Wara li s-Segretarju Eżk. ippreżentat it-tabella ta' marki bis-sistema MEAT (most economical advantageous tender) li saret flimkien mal-bord inkarigat minn din l-offerta pubblika li kien is-Sindku, is-Sur J.Farrugia, il-Viċi-Sindku, is-Sur J.Baldacchino, il-Kunsillier, is-Sur R.Zahra u s-Segretarju Eżk., il-Kamra għażlet il-kuntrattur li ġab l-aktar persentaġġ f'din it-tabella li kien RVS Ltd. Ukoll dan il-kuntrattur offra ġbir ta' skart goff b'xejn darbtejn fil-ġimgħa.

**b) Ġbir ta' Skart Goff - Avviz Nru. 06/09**

Offerta 1 - Ronald & Chris Bezzina €15.00/workload

Il-Kunsill laqa' din l-offerta peress li kienet l-unika waħda. Minħabba li l-kuntrattur RVS Ltd. offra ġbir ta' skart goff b'xejn, il-kuntrattur Ronald & Chris Bezzina ser ikun it-tieni kuntrattur għal dan il-għan.

**c) Manutenzjoni ta' Lampi tad-Dawl tat-Toroq - Avviż Nru. 07/09**

| | |
|---|---|
| Offerta 1 - Joseph Micallef | Annex 1 |
| Offerta 2 - Nexos Street Lighting Ltd. | Annex 2 |

Il-bord magħmul mis-Sindku, is-Sur J.Farrugia, mill-Viċi-Sindku, is-Sur J.Baldacchino u mill-Kunsillier, is-Sur T.Roberts, għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu skond il-prezzijiet li ġew sottomessi u l-Kamra qablet ma' din ir-rakkomandazzjoni biex b'hekk ġie magħżul il-kuntrattur Nexos Street Lighting Ltd.

**d) Manutenzjoni ta' Lampi Ornamentali - Avviż Nru. 08/09**

| | |
|---|---|
| Offerta 1 - Joseph Micallef | Annex 3 |
| Offerta 2 - Nexos Street Lighting Ltd. | Annex 4 |

Il-bord magħmul mis-Sindku, is-Sur J.Farrugia, mill-Viċi-Sindku, is-Sur J.Baldacchino u mill-Kunsillier, is-Sur T.Roberts, għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu skond il-prezzijiet li ġew sottomessi u l-Kamra qablet ma' din ir-rakkomandazzjoni biex b'hekk ġie magħżul il-kuntrattur Joseph Micallef.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra approvat biex kemm is-Segretarju Eżk. kif ukoll iż-żewġ Skrivani jiġu allokati bil-*full performance bonus* skond kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju Eżk. għan-nom tiegħu u tal-iskrivani irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha b'dan il-ġest.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €50,954.30 titħallas skond Skeda Nru. 01/10.

***AĠENDA -6***

1. Is-Sindku aġġorna l-Kamra fuq il-laqgħat li delegazzjoni tal-Kunsill flimkien mal-Perit Carmel Cacopardo kellu mal-Freeport u mal-Onor. Dr Chris Said. Fil-laqgħat mal-Freeport saret preżentazzjoni lill-Kunsill dwar il-pjan ta' ħidma sabiex il-Port Ħieles jindirizza l-impatti ambjentali filwaqt li fil-laqgħat l-oħra l-Kunsill informa lill-Onor. Dr Chris Said dwar x'inhuma l-oġġezzjonijiet u l-preokkupazzjonijiet tal-Kunsill. F'dawn il-laqgħat is-Sindku insista li l-vapuri marbutin mat-*terminals* tal-Port Ħieles għandhom jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Port Ħieles u mhux tal-Malta Maritime kif inhu fil-preżent. Ukoll il-Perit Cacopardo baqa' jinsisti li għandu jsir *Environmental Management System* bil-għaqal. Il-Kamra qablet li l-Port Ħieles m'għandux ikompli jestendi lejn ir-residenti, u li ma jsir l-ebda *crane* jew *berthing* mal-parti tal-menqa. Il-Port Ħieles għandu jirrispetta lir-residenti tal-lokal.

2. Il-Kamra ġiet infurmata li

   - parti minn Triq Għar Dalam u parti minn Triq Il-Qajjenza ser tinkesa bil-*hot asphalt* min-naħa tal-ADT
   - beda xogħol ta' kisi bil-*hot asphalt* fi Triq l-Għodda u Triq ix-Xogħol
   - ser jinbidel l-*e-mail address* tal-Kunsill għal birzebbuga.lc@gov.mt . Kulħadd qabel.
   - il-laqgħa pubblika ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta' Jannar 2010
   - il-Kunsill flimkien mal-Greenpak ser jorganizza attività mat-tfal tal-iskola nhar il-25 ta' Frar 2010

3. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attività ta' 'Jum l-Anzjan' li saret nhar is-26 ta' Novembru 2009 fejn id-dħul kien ta' €980 u l-ħruġ kien ta' €1418.42. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €438.42.

4. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-Party tal-Milied għat-Tfal li sar nhar it-28 ta' Diċembru 2009 fejn id-dħul kien ta' €180 u l-ħruġ kien ta' €262.64. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €82.64.

5. B.Pace infurmat lill-Kamra li ser nidħlu *partners* mat-Turkija għal *Youth Programmes* li ser isiru f'Mejju u f'Lulju.

6. J.Baldacchino ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-*area* tar-*roundabout* ta' Misraħ il-Knisja hija mudlama u hemm bżonn li jsir xi ħaġa għax hi perikoluża.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar 2010 fis-6.00pm. .

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## ***Schedule of Payments 01/10***

## ***Period 01/01/2010 till 31/01/2010***

| ***Cheque*** | ***To*** | ***For*** | ***Amount Euro*** |
|---|---|---|---|
| 7634 | Petty Cash | Reimbursed Expenses | 125.24 |
| 7635 - 40 | Salaries December | Salaries and Wages December 10 | 5008.97 |
| 7643 | Joseph Farrugia | Reimbursed Expenses Dec 09 | 146.60 |
| 7641 | Alfred Schembri | p/o Triq Sant Anglu | 18745.61 |
| 7642 | Commissioner of Inland Revenue | PAYE & SSC Dec 09 | 1299.98 |
| 7644 | RVS Ltd | Refuse Collection Dec 09 | 6478.90 |
| 7646 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7647 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7648 | Clyde Green Grocer | Office Supplies | 34.00 |
| 7649 | Michael Baldwin | Printer Inspection | 20.00 |
| 7650 | Pierre Mifsud | Entertainment - Xmas Children Party | 85.00 |
| 7744 | Chossey DVD | Computer Mouse | 16.00 |
| 7745 | Gold Lady | Mementos Jum l-Anzjan | 50.00 |
| 7746 | J. Brincat | Newspapers | 47.10 |
| 7747 | Carmen Debattista | Library Opening - Dec 09 | 100.62 |
| 7748 | Tino 2000 | Office Supplies | 31.90 |
| 7749 | Fenech Charlie | Tipper Truck -Dec 09 | 1386.00 |
| 7750 | Doves Petshop | Various Supplies Sept- Dec 09 | 2561.68 |
| 7651 | Arthur & Sons Bakery | Food | 90.00 |
| 7652 | Supreme Travel Ltd | Transport | 182.02 |
| 7653 | Neriku Confectionery | Food | 128.00 |
| 7654 | Vodafone | Telephone Expenses | 38.02 |
| 7655 | Union Print Ltd. | Advert | 55.13 |
| 7656 | WasteServ Malta Ltd | Bring in Sites Nov 09 | 287.02 |
| 7657 | Smart Office Supplies | Stationery | 89.48 |
| 7658 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Signs | 46.45 |
| 7659 | Clas Services | Repairs to Gnien il-Kunsill | 376.60 |
| 7660 | WasteServ Malta Ltd | Tipping Fees Nov 09 | 4100.21 |
| 7661 | Victor Bugeja | Nexos Case | 255.62 |
| 7662 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 76.00 |
| 7663 | New Era | Mechanical Sweeping Dec 09 | 875.00 |
| 7664 | ELC | Public Gardens - Dec 09 | 1147.92 |
| 7663 | New Era | Street Cleaning | 1939.58 |
| 7665 | Bezzina Ronald | Public Conveniences - Dec 09 | 1017.29 |
| 7665 | Bezzina Ronald | Public Places - Dec 09 | 332.92 |
| 7666 | J Farrugia Ironmongery | Various Supplies | 523.66 |
| 7667 | Duraprint | Stationery - Permit Books | 109.74 |
| 7668 | JM Installations | Lighting Repairs | 3066.04 |
| | | **Total Paid** | **50954.30** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**